MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2008

Appell Kriminali Numru. 294/2008

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Amadeo Balzan**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli fid-29 t’April, 2008, ghall-habta tal-16.00 hrs, gewwa l-fond “Villa Anthea”, Triq il-Gibjun, Attard, u fil-granet ta’ qabel

1. insulenta, hedded jew ingurja bi kliem jew b’mod iehor lil Alexandra Balzan;
2. kif ukoll fl-istess cirkostanzi bl-agir tieghu kkaguna lil Alexandra Balzan thossha ffastidjata.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-14 t’Ottubru, 2008, li biha, wara li rat l-artikoli 339(1)(e) u 251A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-appellant hati tal-ewwel akkuza

w ikkundannatu gimgha detenzjoni, filwaqt ma sabitux hati tat-tieni akkuza w illiberatu.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-21 t’Ottubru, 2008, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonferma l-imputazzjonijiet li minnha gie lliberat u thassaraha w tirrevokaha fejn sabitu hati tal-ewwel imputazzjoni ta’ insulenti, theddid u jew ingurji bi kliem jew gesti ohra lil Alexandra Balzan u minn din l-imputazzjoni tiddikjarah mhux hati u tilliberah skond il-ligi, alternattivament u minghajr pregudizzju thassaraha w tirrevokaha fil-parti tal-piena billi minflok tigi mposta piena jew sanzjoni ohra li tkun aktar ekwa ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, jikkonsistu fis-segwenti w cioe' :-

1. illi preliminarjament l-appellant hassu aggravat billi s-sentenza appellata, hija nulla stante li fis-sentenza ma ssemmix l-artikolu tal-ligi li tikkontempla r-reat li tieghu l-Qorti sabitu hati w dan ai termini *“inter alia”* tal-artikolu 382 tal-Kap. 9.
2. illi s-sentenza appellata hija nulla wkoll stante li s-sentenza hija nieqsa wkoll milli tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati w dan ai termini *“inter alia”* tal-artikolu 382 tal-Kap. 9.
3. illi l-Ewwel Qorti ma kellhiex tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha billi l-fatti tal-kaz ma grawx kif tghid il-mara tal-appellant. Il-Qorti ma kellhiex taghtiha affidament billi hi ammettiet li tefghet il-hwejjeg tieghu barra w ammettiet ukoll li sakritu barra. Dan johrog car mill-affidavit ta’ PS 1122 li fil-presenza tieghu stess hi tammetti. Huwa aktar verosimili li meta l-mara tal-appellant kienet infurjata billi kienet skopriet li kien qabbad “private investigator” biex jippresenta dik il-prova fil-kawza ta’ separazzjoni. L-appellant kien id-dar dak il-hin ghax mar jara lil bintu u dan jigi kkonfermat mill-mara tal-

appellant stess. Kienet il-mara li bdiet l-inkwiet meta ratu hemm. Fil-fatt Alexandra instabet hatja, permezz ta' sentenza ta' l-istess Qorti fl-14 t'Ottubru, 2008, talli fil-guranta ta' qabel ingurjat u heddedt lil zewgha Amadeo Balzan u giet ikkundannata ghal gimgha detenzjoni.

4. illi l-Ewwel Qorti ma kellhiex tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha billi semmai dato ma non concesso li l-appellant lissen xi kliem fil-konfront ta' martu din kienet reazzjoni pprovokata minn l-agir ta' martu li kienu gravi fosthom li tefghet hwejgu 'l barra w sakkritu barra. Skond artikolu 339(1)(e) il-kontravenzjoni ssehh biss meta persuna *"carries his insult beyond the limit warranted by the provocation"*. F'dan il-kaz jidher li martu sakkritu barra w tefghet hwejgu 'l barra kif ammettiet mal-Pulizija ergo l-appellant *dato ma non concesso* li rrisponda bi kliem kien hafna fil-limiti tal-provokazzjoni skond il-ligi. Ta' relevanza huwa l-fatt li l-appellant hareg mid-dar biex jevita aktar skontri maghha, li kieku ried l-iskontru kien jibqa' hemm u immedjatament meta telaq mid-dar dan mar ghand il-Pulizija jirraporta. Kieku kellu minn xix jibza' ma kien ser jiehu l-Pulizija d-dar. Fil-fatt il-mara ma marritx tirraporta hlief li meta marru l-Pulizija din hasset li taghmel tapport bi tpattija ghal dak li kien ghamel zewgha.

*5.* illi din il-piena nflitta hija eccessiva tenut kont in-natura w ic-cirkostanzi tal-kaz u li kien hemm diversi pieni w sanzjonijiet ohra li setghu jigu applikati f'dan il-kaz.

Semghet ix-xhieda ta' Alexandra Balzan fis-seduta tal-lum li, mistoqsija ripetutament mill-Qorti, ddikjarat illi ma tistax tiftakar x'gara fid-data msemmija fic-citazzjoni.

Ikkonsidrat

Peress illi minn din id-deposizzjoni ma tirrizulta bl-ebda mod l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant u ghalhekk hemm karenza assoluta tal-provi li jistghu jwasslu ghall-dikjarazzjoni ta' htija, jidher ovvju li s-sentenza appellata se jkollha tigi revokata.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell u tirrevoka s-sentenza appellata w tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni w piena.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------